Mellieħa

**KUNSILL LOKALI MELLIEĦA**
126, Triq il-Mitħna l-Ġdida,
Mellieħa

IS-SITT KUNSILL

16 ta' Novembru 2010

**Il-Ħamsa u Erbgħin seduta tas-Sitt Kunsill Lokali Mellieħa ser issir nhar it-Tnejn, 22 ta' Novembru 2010 fis-7.00 pm, fl-indirizz t'hawn fuq.**

## AGENDA

1. Qari u korrezzjoni tal-minuti.
2. Materji mqajjma mill-minuti
3. Korrispondenza
4. Skedi ta' Xiri u Ħlasijiet
5. Preżentazzjoni dwar il-Proġett ta' Ħal Ferħ
6. Mozzjoni dwar l-għoti ta' kuntratt li jipprovdi għal Servizz ta' Ġbir tal-Iskart Domestiku Mħallat
7. Mozzjoni dwar l-għoti ta' kuntratt li jipprovdi għal Servizz ta' Ġbir ta' Skart Goff
8. Mozzjoni dwar l-għoti ta' kuntratt li jipprovdi għat-Twaqqif ta' Monument fir-*roundabout* ta' Triq Qasam Barrani / Triq il-Mitħna l-Ġdida
9. Tħejjijiet Milied Mellieħi 2010
10. Estimi Finanzjarji 2011

Materji Oħra

C. Debono
**Segretarju Eżekuttiv**

# MOZZJONIJIET

**6. Mozzjoni mressqa mill-Viċi-Sindku E. Bartolo illi tgħid:**

"Billi l-kuntratt li jipprovdi għall-Ġbir ta' Skart Domestiku Mħallat, li l-Kunsill kellu man-Northern Cleaning Co-operative Ltd, li sussegwentement ġie *sub-contracted* lill-Velljo Services, skada fit-30 ta' Novembru 2008, liema kuntratt ġie estiż sal-30 ta' Novembru 2010, minħabba l-bidliet li seħħew fuq bażi nazzjonali fl-istess qasam;

Billi, saret sejħa għall-offerti (2/2010) skond ir-Regolamenti tal-Kunsilli Lokali (Offerti) (Avviż Legali 157 tal-1993) u r-Regolamenti dwar il-Kuntratti Pubbliċi (Avviż Legali 177 tal-2005);

Billi l-erbgħa offerti li saru ġew evalwati mit-*Tender Adjudication Board* skond il-kriterji stabbiliti minn qabel fid-dokument tal-offerta, liema Bord ressaq ir-rakkomandazzjoni tiegħu lill-Kunsill skond il-minuti tat-28 ta' Ottubru 2010;

Billi fis-seduta Nru. 44 tal-1 ta' Novembru 2010, il-Kunsill iddeċieda li għandha tintbagħat l-Ittra ta' Aċċettazzjoni lill-offerenti Velljo Services, filwaqt li l-offerenti l-oħra ġew notifikati bl-istess deċiżjoni;

Il-Kunsill jirriżolvi li għandu jiġi ffirmat kuntratt li jipprovdi għas-servizz imsemmi, għal perjodu ta' erba' snin, b'effett mill-Diċembru 2010, bir-rati inklużi fl-offerta mitfugħa minn Velljo Services fit-2 ta' Awwissu 2010.". (K/6/2/Vol V)

| | |
|---|---|
| E. Bartolo – Viċi Sindku<br>Proponent | J. Buttigieg – Kunsillieri<br>Sekondant |

**7. Mozzjoni mressqa mis-Sindku li tgħid:**

"Peress li skada l-kuntratt illi jipprovdi għall-Ġbir tal-Iskart Goff mal-Cleansing and Maintenance Department, filwaqt li l-permezz ta' ittra datata 3 ta' Awwissu 2010, l-istess Dipartiment għarraf li mhux ser jibqa' jirrendi dan is-servizz;

Billi, saret sejħa għall-offerti (5/2010) skond ir-Regolamenti tal-Kunsilli Lokali (Offerti) (Avviż Legali 157 tal-1993) u r-Regolamenti dwar il-Kuntratti Pubbliċi (Avviż Legali 177 tal-2005);

Billi t-tliet offerti li saru ġew evalwati mit-*Tender Adjudication Board,* liema Bord ressaq ir-rakkomandazzjoni tiegħu lill-Kunsill skond il-minuti tat-28 ta' Ottubru 2010;

Billi fis-seduta Nru. 44 tal-1 ta' Novembru 2010, il-Kunsill iddeċieda li għandha tintbagħat l-Ittra ta' Aċċettazzjoni lill-offerenti Velljo Services, filwaqt li l-offerenti l-oħra ġew notifikati bl-istess deċiżjoni;

Il-Kunsill jirriżolvi li għandu jiġi ffirmat kuntratt mas-Sur Antoine Fenech għal perjodu ta' tliet snin, b'effett mill-Diċembru 2010, bir-rati inklużi fl-offerta tiegħu mitfugħa fl-24 ta' Settembru 2010.". (K/6/8)

| | |
|---|---|
| R. Cutajar – Sindku<br>Proponent | J. Azzopardi – Kunsillieri<br>Sekondant |

8. **Mozzjoni mressqa mis-Sindku li tgħid:**

"Billi saret sejħa għall-offerti (Nru. 6/2007), skond ir-Regolamenti tal-Kunsilli Lokali (Offerti) (Avviż Legali 157 tal-1993) u r-Regolamenti dwar il-Kuntratti Pubbliċi (Avviż Legali 177 tal-2005), sabiex jitwaqqaf monument fuq ir-*roundabout* li tinsab fi Triq Qasam Barrani kantuniera ma' Triq il-Mitħna;

Billi l-proġett, huwa kopert bil-permess tal-Awtorita` Maltija ta` l-Ambjent u l-Ippjanar, kif ukoll ġiet ivvutata somma fl-Estimi Finanzjarji għas-sena 2010 sabiex jitwettaq dan ix-xogħol flimkien mat-tisbiħ li sar aktar qabel fl-istess triq;

Billi t-*Tender Adjudication Board* evalwa ż-żewġ offerti li saru u ressaq ir-rakkomandazzjoni tiegħu skond il-minuti tat-13 u t-28 ta' Ottubru 2010;

Il-Kunsill jirriżolvi li għandu jiġi ffirmat kuntratt lis-Sur Ricky Caruana sabiex isir ix-xogħol skond l-ispeċifikazzjonijiet u r-rati mogħtija fid-dokument ta` l-offerta; u

Jirriżolvi wkoll illi x-xogħol fuq il-monument għandu jiġi spezzjonat fl-Italja mill-Viċi Sindku E. Bartolo u d-disinjatur is-Sur Emanuel Cini.". (K/6/4/1)

R. Cutajar – Sindku
Proponent

J. Buttigieg – Kunsillieri
Sekondant